

Brussell, 17 ta' Diċembru 2024
(OR. en, de)

17001/24
PV CONS 70
ENV 1238
CLIMA 462

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ambjent)
17 ta' Diċembru 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 16745/24 biż-żieda, fuq it-talba ta' Franza, ta' punt taħt "Affarijiet oħra" (**punt ġdid 6(g)**). Il-Kunsill qabel ukoll li jittratta dak il-punt addizzjonali f'sessjoni pubblika skont l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

Lista mhux leġislattiva

16785/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV lingwistiċi kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. Regolament dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik *Approċċ ġenerali*



16721/24 + ADD 1

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar ir-Regolament dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik, kif rifless fl-eżitu tal-proċedimenti (16980/24).

L-Estonja, il-Ġermanja u l-Latvja ppreżentaw dikjarazzjonijiet, filwaqt li Ċipru, il-Greċja u Malta ppreżentaw dikjarazzjoni konġunta, kif jinsabu fl-Anness.

4. Regolament dwar ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u dwar il-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/858 u 2019/1020 u li jħassar id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE *Dibattitu ta' orjentazzjoni*



16276/24

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni abbażi ta' mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza, kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

5. **Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika Ewropea għall-2040**  16277/24
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet abbażi ta' mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza, kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

Affarijiet oħra

6. (a) **Swieq online - nuqqas ta' konformità mal-obbligi tal-EPR u kif għandu jiġi indirizzat**  16815/24
Informazzjoni miċ-Ċekja, id-Danimarka, Franza u s-Slovakkja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja, id-Danimarka, Franza u s-Slovakkja, kif ukoll tal-intervent minn delegazzjonijiet oħra.

- (b) **Pjattaformi online kbar ħafna (VLOPs) - nuqqas ta' konformità mar-responsabbiltà estiża tal-produttur u kif għandu jiġi indirizzat**  16850/24
Informazzjoni mill-Awstrija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija, kif ukoll tal-intervent minn delegazzjonijiet oħra.

- (c) **Aġġornament dwar il-Progress tal-Missjonijiet tal-UE ta' Orizzont Ewropa bħala għodda għall-azzjoni lokali dwar il-klima**  16502/24
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- (d) **Rapporti dwar il-laqgħat internazzjonali reċenti ewlenin** 
- (i) **Id-29 Konferenza tal-Partijiet (COP 29) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (Baku, l-Ażerbajġan, 11 - 22 ta' Novembru 2024)** 16744/24
- (ii) **Il-ħames sessjoni tal-Kumitat Intergovernattiv ta' Negożjar biex jiġi Żviluppat Strument Internazzjonali Legalment Vinkolanti dwar it-Tniġġis mill-Plastik (INC-5) (Busan, ir-Repubblika tal-Korea, 25 ta' Novembru - 1 ta' Diċembru 2024)** 16734/24

- (iii) **Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB)** 16867/24
(Cali, il-Kolombja, 21 ta' Ottubru - 1 ta' Novembru 2024)
– COP 16 għall-KDB
– COP-MOP 11 li jservi ta' Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza
– COP- MOP 4 li jservi ta' Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess u l-Qsim ta' Benefiċċji
- (iv) **Is-16-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD COP 16)** 16906/24
(Riyadh, l-Arabja Sawdija, 2 - 13 ta' Diċembru 2024)
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni kif ukoll tal-intervent minn delegazzjonijiet oħra.

- (e) **Kwistjonijiet ewlenin fir-reviżjoni mmirata tar-Regolament REACH**  16416/24
Informazzjoni mill-Iżvezja, appoġġata mid-Danimarka, il-Finlandja u l-Lussemburgu

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Iżvezja, appoġġata mid-Danimarka, il-Finlandja u l-Lussemburgu.

- (f) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mill-Polonja

- (g) **Il-ħtieġa li jiġi evitat li l-manifatturi tal-karozzi jiddgħajfu permezz ta' penali, filwaqt li jinżammu l-miri u l-ambizzjoni tar-regolament dwar l-istandards tas-CO2 għall-karozzi u l-vannijiet**
Informazzjoni minn Franza

 16972/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza, kif ukoll tal-intervent minn delegazzjonijiet oħra.



L-ewwel qari



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni



Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Dikjarazzjoni għall-punti "B"**Dwar il-punt "B"
nru 3:**

**Regolament dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex
jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik**
Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja tappoġġa l-għan ġenerali tar-Regolament li jipprevjeni t-telf tal-pellets tal-plastik fl-ambjent u jipproteġi l-ekosistemi u s-saħħa tal-bniedem. Madankollu nqisu li jeħtieġ nesprimu t-tħassib ta' hawn taħt.

Fil-prinċipju, l-Estonja ma tappoġġax l-introduzzjoni ta' regoli tad-dritt ċivili speċifiċi għas-setturi fil-leġislazzjoni tal-UE dwar is-suq intern, billi dawn id-differenzi jikkumplikaw bla bżonn is-sistema legali u jistgħu jwasslu għal sitwazzjoni fejn persuni, inkluż persuni jew negozji affettwati li joperaw f'setturi differenti, jiġu ttrattati b'modi differenti, li jista' joħloq problemi b'rabta mal-prinċipju ta' trattament ugwali mmanifestat fil-Kostituzzjoni tagħna. Dan japplika fir-rigward tar-regoli previsti fir-Regolament dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni għat-talbiet għal kumpens minħabba ħsara għas-saħħa, li rriżultaw minn ksur tar-Regolament.

Għalkemm it-test attwali jgħid li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodi ta' preskrizzjoni għal dawn it-talbiet għal kumpens, xorta waħda jipprovdi regoli obbligatorji speċifiċi rigward meta għandu jibda l-perjodu ta' preskrizzjoni. Dan ifisser li l-perjodu ta' preskrizzjoni għal talba għal kumpens minħabba ħsara għas-saħħa li tirriżulta mill-ksur tar-Regolament huwa differenti mill-perjodu ta' preskrizzjoni għal talbiet oħra għal kumpens minħabba ħsara għas-saħħa, li l-liġi Estonjana tistabbilixxi perjodu ta' preskrizzjoni uniformi għalihom, billi jitqies li l-vittmi m'għandhomx jiġu ttrattati b'modi differenti skont l-att illeċitu li jkun ikkawża l-ħsara għas-saħħa.

Għalhekk, l-Estonja tħeġġeġ li dawn l-argumenti jitqiesu matul il-fażijiet li ġejjin fin-negozjati."

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Il-Ġermanja tappoġġa espressament l-oġettiv li jitnaqqas l-ammont ta' pellets tal-plastik li jidħlu fl-ambjent. Għalhekk taċċetta l-approċċ ġenerali tal-Kunsill, sabiex regoli ambizzjużi għall-UE kollha jistgħu jinkisbu malajr kemm jista' jkun.

Madankollu, il-Ġermanja tqis li huwa importanti li jsir aktar progress fuq ċerti dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' Regolament fin-negozjati tat-trilogu mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea.

Dan japplika b'mod partikolari għall-aspetti li ġejjin:

- it-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-awtoritajiet kompetenti u n-negozji, u b'mod partikolari għall-intrapriżi mikro u żgħir;
- l-introduzzjoni ta' limitu ta', pereżempju, 5 tunnelli pellets tal-plastik trasportati kull sena kalendarja għat-trasportaturi; inkella, piż amministrattiv kbir x'aktarx jiġi impost fuq l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-ġbir tan-notifiki tat-trasportaturi u kwalunkwe emenda għalihom f'konformità mal-Artikolu 3(2) u (3);
- l-eliminazzjoni tad-diskrepanzi bejn it-test legali u l-prattiki stabbiliti fis-settur tat-trasport; pereżempju, kuntrarjament għal dak speċifikat fl-Anness III, it-trasportaturi fil-Ġermanja ġeneralment mhumex responsabbli għat-tagħbija u l-ħatt (inkluż l-użu ta' tagħmir bħal trakkijiet bil-forklifter), lanqas ma huma responsabbli mill-imballaġġ sikur tal-merkanzija għat-trasport jew għat-tindif tal-kontejners;
- l-evitar tad-duplikazzjoni regolatorja fir-rigward tar-rekwiżiti tal-informazzjoni u l-iżvelar (Artikolu 7a), u l-iżgurar ta' rekwiżiti amministrattivi effettivi li huma mfassla apposta għall-oġettivi tar-Regolament."

DIKJARAZZJONI MIL-LATVJA

"Il-Latvja tappoġġa l-oġettivi ewlenin tar-Regolament li jiżdied il-livell ta' protezzjoni ambjentali billi jiġi evitat it-tixrid ta' pellets tal-plastik mill-konteniment primarju matul l-immaniġġar ta' rutina, u b'hekk ir-riskju ta' tixrid jitnaqqas għall-aktar livell baxx possibbli. Il-Latvja tista' tappoġġa t-test ta' kompromess tal-Presidenza u ftehim dwar mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew.

Fl-istess ħin, il-**Latvja għandha tħassib serju** dwar l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, jiġifieri **l-inklużjoni tat-trasport marittimu** fih.

Il-Latvja hija partikolarment imħassba li **ma kien hemm l-ebda valutazzjoni tal-impatt komprensiva** rigward l-inklużjoni ta' dan is-settur partikolari fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-**implimentazzjoni Prattika** tar-Regolament tista' tkun ikkumplikata, minħabba n-natura reġjonali tar-Regolament. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-OMI (MEPC.1/Circ.909) huma volontarji għall-Istati Membri kollha tal-OMI - huma għandhom id-dritt li jagħżlu jekk jimplimentawx dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Bl-adozzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-OMI f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri kollha tal-UE ser ikollhom l-obbligu li jimplimentawhom b'mod obbligatorju.

Il-Latvja temmen li **din il-kwistjoni teħtieġ kunsiderazzjoni bir-reqqa fi ħdan l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI)**, bil-parteċipazzjoni attiva tal-**partijiet ikkonċernati kollha** (inkluż l-NGOs) fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Aħna tal-fehma li l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkollaboraw fi ħdan il-qafas tal-OMI biex jippromwovu l-iżvilupp u l-adozzjoni f'waqthom ta' emendi għall-konvenzjonijiet tal-OMI li jindirizzaw b'mod effettiv il-kwistjoni dwar il-ġarr ta' pellets tal-plastik bil-baħar fuq skala globali.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq il-**Latvja ma tappoġġax l-inklużjoni tat-trasport marittimu** fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MINN ĊIPRU, IL-GREĊJA U MALTA

"*Ċipru, il-Greċja u Malta* jixtiequ jesprimu t-tħassib serju u r-riżervi tagħhom dwar l-inklużjoni tas-settur tat-trasport bil-baħar fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik għar-raġunijiet li ġejjin.

L-ewwel nett, fil-proposta tal-Kummissjoni, is-settur tat-trasport bil-baħar ġie eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Għalhekk, qatt ma saret valutazzjoni tal-impatt dwar l-inklużjoni tat-trasport bil-baħar. Fost l-oħrajn, dan imur kontra l-prinċipji fundamentali tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Kif enfasizzat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-ġurisprudenza tagħha, il-leġislatura tal-UE trid tivvaluta l-proporzjonalità tal-obbligi li qed jiġu introdotti u tiżgura li dawn l-obbligi jikkonformaw mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju tal-proporzjonalità.

Mill-bidu nett argumentajna ripetutament għan-nuqqas ta' inklużjoni tas-settur tat-trasport bil-baħar fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, peress li din il-kwistjoni għandha tiġi eżaminata fil-livell internazzjonali. B'mod partikolari, il-kwistjoni għandha tiġi eżaminata fil-qafas tal-OMI, bħala l-unika Organizzazzjoni bl-għarfien espert, l-esperjenza u l-kompetenza meħtieġa biex tadotta l-miżuri xierqa biex il-kwistjoni tiġi indirizzata fuq skala globali, filwaqt li jinżammu kundizzjonijiet ekwi fit-trasport bil-baħar internazzjonali.

Fil-fatt, l-OMI diġà tindirizza din il-kwistjoni. B'mod partikolari, fit-82 Sessjoni reċenti tiegħu, il-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC) tal-OMI qabel li fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Organizzazzjoni jinkludi l-iżvilupp ta' emendi għal konvenzjonijiet rilevanti tal-OMI, sabiex jiġu introdotti rekwiżiti għat-trasport marittimu tal-pellets, filwaqt li tiġi awtorizzata t-tħejjija ta' test li għandu jiġi ppreżentat lis-sessjoni li jmiss tas-Sottokumitat kompetenti (PPR). Huwa ta' wkoll struzzjonijiet lis-Sottokumitat PPR biex janalizza l-leġislazzjoni li tista' tiġi emendata u l-implikazzjonijiet possibbli, bil-ħsieb li jippreżenta rapport lill-MEPC, ladarba jitlesta.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa ċar li l-OMI qed tikkunsidra bir-reqqa l-kwistjoni tat-trasport marittimu tal-pellets u diġà qed taħdem fuq l-iżvilupp ta' standards internazzjonali rilevanti bil-ħsieb tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni obbligatorja tagħhom fil-livell internazzjonali.

Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, aħna nemmnu li t-trasport tal-pellets bil-baħar għandu jibqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-abbozz ta' Regolament, b'mod partikolari minħabba li l-iżvilupp ta' regolamenti internazzjonali rilevanti diġà jinsab għaddej fi ħdan l-organi kompetenti tal-OMI.

Fil-fehma tagħna, l-Istati Membri tal-UE għandhom jingħaqdu u jaħdmu flimkien fil-qafas tal-OMI, biex jippromwovu - pereżempju billi jippreżentaw proposti komuni - l-iżvilupp u l-adozzjoni rapidi ta' emendi għall-konvenzjonijiet tal-OMI biex jindirizzaw il-kwistjoni tat-trasport tal-pellets bil-baħar b'mod effettiv u fil-livell globali xieraq.

Aħna nemmnu wkoll li dan l-approċċ ikollu impatt akbar fuq l-Istati Membri l-oħra tal-OMI, aktar milli l-isforz, għal darb'oħra, biex jiġu imposti regolamenti tal-UE fuq stati oħra. Din il-prattika diġà kkawżat reazzjonijiet negattivi fi ħdan l-OMI f'għadd ta' okkażjonijiet.

Fl-aħħar nett, nixtiequ nesprimu d-diżappunt tagħna f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport bil-baħar, li l-emendi konkreti proposti bl-għan li jkomplu jtejbu t-test leġislattiv sabiex jiġu evitati duplikazzjonijiet mal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE (l-Artikolu 15 "Penali"), filwaqt li jiġi żgurat l-allinjament ma' miżuri internazzjonali (l-Artikolu 18b (3) "Evalwazzjoni u rieżami") ma ġewx inklużi fl-abbozz tat-test leġislattiv li aħna mitluba nadottaw bħala Approċċ Ġenerali."
